MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ROBERT G MANGION

Seduta tas-16 ta' April, 2015

Rikors Numru. 611/2013

**A B**

**vs**

**L-Avukat Daniel Buttigieg bhala mandatarju specjali**

**ta' C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tat-12 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu l-attur A B ippremetta u talab is-segwenti:-

"Illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta' Dicembru 2004 u dan skont ic-certifikat taz-zwieg numru 2212/2004 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal.

Illi l-intimata C D B telqet mill-fond residenzjali taghha u marret tghix gewwa ir-Russja il’ fuq minn 4 snin ilu ossija telqet mill-imsemmi fond fil-bidu tas-sena 2009 u ghalhekk il-partijiet ilhom aktar minn 4 snin separati de facto.

Illi l-partijiet m'ghandhomx assi mizmuma in komunjoni bejniethom, u l-komunjoni ta' 1-akkwisti ma tikkonsistiex fl-ebda assi mobbli u immobbli u b'dan il-partijiet ghandhom illum il-pusess tal-effetti personali kollha taghhom.

Illi ghal kull bon fini l-esponenti jirrisjedi fil-fond 49, Triq San Gorg, Santa Venera, liema fond huwa jikri minghand il-Housing Authority, liema kirja giet ikkuntratta mill-esponenti ferm wara li l-intimata ghebet u marret tirrisjedi ir-Russja.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut minn kull parti u dan stante illi iz-zewg partijiet iddekdew mid-dritt illi jircievu manteniment minghand xulxin minhabba ragunijiet validi skond il-ligi.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra iffurmaw rabtiet ma persuni ohra/familji godda.

Illi l-intimata ghandha ukoll terga tirreverti lura ghall-kunjom xbubitha ossija Eremina

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksieb tad-divorzju, skont l-Artikolu 668 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti qieghed umilment jitolob lil din l-Onorabbli Qorti prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet sabiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

2. Tordna illi l-intimata terga tirreverti lura ghall-kunjom xbubitha ossija Eremina

3. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

4. Tiddikjara illi l-komunjoni ta' l-akkwisti hija illum xolta u li kull parti qeghda fil-pussess ta' hwejjigha.

5. Tiddikjara illi l-partijiet irrinunzjaw reciprokament milli jircievu manteniment minghand xulxin.

6. Ghall-kull bon fini tassenja il-kirja tal-fond u d-dritt ta' residenza fil-fond 49 Triq San Gorg, Santa Venera lill-esponenti."

Rat ir-risposta tal-konvenuta C D B nee' Eremina kif rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha Dottor Daniel Buttigieg li taqra kif gej:-

1. "Illi permezz ta' prokura specjali moghtija lilu minghand C D B huwa gie awtorizzat sabiex jidher f'isem l-imsemmija C D B f'kull procedura ta' divorzju, separazzjoni u/jew medjazzjoni quddiem I-Onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja.

2. Illi mill-informazzjoni li inghatatlu minghand C B u sa fejn jaf hu, huwa jaqbel ma dak espost mir-rikorrenti fir-rikors promutur u gha!hekk qieghed jikkonferah bil-gurament tieghu hawn taht.

3. Illi l-informazzjoni misjuba fl-imsemmi rikors promutur hija identika ghal dak espost minn C D B fil-prokura specjali lilu moghtija u ghalhekk huwa qieghed jaccetta dak kollu misjub fl-imsemmi rikors u qieghed jitlob sabiex din 1-Onorabbli Qorti tiddeciedi l-vertenza billi tilqa it-talbiet attrici."

Rat id-digriet taghha tas-26 ta' Dicembru 2013 li permezz tieghu gibdet l-attenzjoni tal-attur li ma kienx ghadu ottempera ruhu mad-disposizzjonijiet ta' Regolament numru 4 tal-Ligi Sussidjarja numru 12.20.

Rat ir-rikors generali tal-atturipprezentat fis-7 ta' Awissu 2014 fejn talab l-awtorizzazzjoni *a procedere* u n-non opposizzjoni tal-intimata skond risposta pprezentata fil-15 ta' Settembru 2014. Rat li r-rikors generali gie akkordat.

Rat in-nota kongunta tal-partijiet ipprezentata fl-14 ta' Jannar 2015 li taqra kif gej:-

"Illi l-partijiet jippremettu illi huma m'ghandhomx pretensjonijiet kontra xulxin fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti, u li din gia giet diviza u xolta bonarjament bejniethom, u li l-partijiet huma pjenament sodisfatti. Illi l-partijiet jippremettu ukoll illi kull parti qeghda fil-pussess ta' hwejjeg parafernali taghha.

Ghal kull buon fini l-partijiet jiddikjaraw illi ma kienx hemm assi immobbli jew assi ohra li kien jehtieg kuntratt sabiex jigi diviz bejniethom, u li kull parti hadet il-mobbli taghha meta huma isseparaw de facto.

Il-partijiet jippremettu ukoll illi huwa r-ragel li ghandu dritt esklussiv illi jirrisjedi fil-fond 49, Triq San Gorg, Santa Venera u dan stante illi l-kirja in kwistjoni giet miftehma mal-Housing Authority wara li sehhet is-separazzjoni de facto u li l-mara m'ghandiex ebda pretensjoni fuq l-istess kirja.

Illi l-partijiet jiddikjaraw ukoll illi l-ebda manteniment m'hu dovut.

Illi in vista ta' din id-dikjarazzjoni l-attur qieghed jirrinunzja ghar-raba, hames u sitt talbiet tieghu u qieghed jillimita t-talba tieghu ghal biss l-ewwel tliett talbiet tieghu li jikkoncernaw it-talba ghall-ottjeniment tad-divorzju bejn il-partijiet."

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel tlett talbiet attrici.

Ikkunsidrat;

**Provi**.

Mill-provi migbura jirrizulta:

Illi l-partijiet izzewgu fit-18 ta’ Dicembru 2004, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom separati de facto ghal aktar minn sitt snin.

Illi l-partijiet m’ghandhomx assi in komuni bejniethom;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ma hemm ebda kwistjoni bejn il-partijiet dwar manteniment;

Ikkunsidrat;

Illi l-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi,

1) Tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u tippronunzja l-hall taz-zwieg civili ta’ bejn il-partijiet; u

2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------